MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 3246/1996/1

**Victor Fenech personalment, u l-istess Victor Fenech flimkien ma' martu Carmen Fenech bħala kuraturi għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri binhom Jeffrey Fenech; u b'dikriet ta' l-14 ta' Frar 2003, *stante* li Jeffrey Fenech sar maġġorenni, assuma l-atti tal-kawża f'ismu stess minflok il-kuraturi**

***Versus***

**Avukat Dottor John Mizzi u l-Prokuratur Legali Rowena Grima kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Liam Bernard Mooney, nominati b'dikriet ta' dina l-onorabbli qorti tad-29 ta' Settembru 1993; u b'nota tat-18 ta' Marzu 2003 l-Avukat Philip Manduca assuma l-atti bħala kuratur f'isem Liam Bernard Mooney**

Din il-kawża hija dwar inċident li seħħ fuq il-baħar meta ħabtu żewġ biċċiet tal-baħar u korrew l-atturi.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-21 ta' Settembru 1991, għall-ħabta tat-3.00 *p.m.* meta l-attur Victor Fenech kien qiegħed isuq *speedboat* tal-marka *Fletcher* ġewwa l-bajja tal-Qawra, din l-i*speedboat* intlaqtet minn *Jet Ski* misjuq mill-konvenut. Dak il-ħin Victor Fenech kellu miegħu lil ibnu Geoffrey, li kellu xi għaxar snin. Bil-ħabta saret ħsara fl-i*speedboat* ta' l-attur u kemm Victor Fenech kif ukoll Geoffrey ġarrbu leżjonijiet personali gravi u permanenti.

Billi qegħdin igħidu illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, iżda għalxejn sejħulu biex jerfa' l-ħtija u jagħmel tajjeb għad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-ħtija kienet tal-konvenut waħdu;
2. tillikwida d-danni kollha li ġarrbu l-atturi; u
3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża u dawk ta' żewġ ittri uffiċjali.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għall-konvenut wieġbu li ma jafux il-fatti u illi jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom aktar 'il quddiem, iżda baqgħu ma ressqux eċċezzjonijiet oħra.

Għalkemm din il-kawża nfetħet fl-1996, għamlet żmien twil wieqfa fuq talba tal-partijiet li xtaqu jaraw jistgħux jaslu għal ftehim. Wara li ma seħħet ebda transazzjoni, kien biss fl-2003 li bdew jinstemgħu x-xhieda.

Fit-30 ta' Ġunju 2004, fid-dawl ta' xhieda mogħtija dakinhar stess, il-konvenut talab li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri, u, wara li l-qorti laqgħet it-talba, ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attur Victor Fenech qatt ma kien is-sid ta' l-i*speedboat* li saritilha l-ħsara u għalhekk ma jistax jitlob danni dwarha; u
2. id-danni huma kontestati għax l-attur esebixxa dokumenti li huma ta' *speedboat* numru S6093, li ma hijiex dik li kellha l-inċident.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-attur Victor Fenech xehed illi kien qiegħed isuq *speedboat* u kien ħiereġ biha b'veloċità baxxa minn ħdejn is-Salini lejn il-baħar miftuħ. Miegħu kellu lil ibnu Geoffrey. Ħin minnhom intebaħ minn ħoss li sema' li kien riesaq *jet ski* lejh mix-xellug b'veloċità qawwija, u min kien qiegħed isuqu deher aljenat għax kien qiegħed iħares lejn arloġġ li kellu ma' idu flok 'il quddiem biex jara fejn sejjer.

Fenech kiser lejn il-lemin biex jevita l-ħabta u fittex li jiġbed l-attenzjoni tas-sewwiq tal-*jet ski* billi daqq il-ħorn, iżda l-*jet ski* xorta ħabtet ma' l-i*speedboat* fuq ix-xellug tagħha. Id-daqqa kienet qawwija: is-sewwiq tal-*jet ski* tar f'rotta ballistika minn fuq l-i*speedboat* u Geoffrey ħabat wiċċu mal-ġenb ta' l-i*speedboat* u kisser xi sinniet. Victor Fenech ukoll weġġa' bid-daqqa. L-i*speedboat* ixxaqqetilha l-qoxra u saritilha ħsara fil-makna.

Il-konvenut Liam Bernard Moony, li kien qiegħed isuq il-*jet ski*, xehed hekk fl-*affidavit* maħluf minnu fis-27 ta' Settembru 1991:

ġIħ was heading in towards the jetty when I checked the time on my watch, and saw that I still had some time left and turned around and headed directly away from the jetty and within 400 metres of the opposite side of the bank when I checked my watch again and noticed the time was up.

Then I turned left to go back to the jetty and just began turning when I was hit from the right hand side; I didn't hear or see him.

L-istqarrija tal-konvenut stess turi illi l-konvenut kien għadu kif bidel id-direzzjoni tiegħu qabel il-ħabta. Il-fatt illi lill-attur ma rahx ifisser illi ma ħarisx qabel ma lewa, u kien għalhekk li daħal fir-rotta ta' l-attur. Il-fatt illi l-konvenut ħares lejn l-arloġġ darbtejn f'ħin relativament qasir juri li kien aktar moħħu fil-ħin milli f'li jara fejn kien sejjer, x'aktarx għax ra li kien fadallu ftit ħin u ried li l-ħin li fadallu jgawdih kollu bla ma, iżda, ikun tard u hekk ikollu jħallas aktar tal-kiri tal-*jet ski*.

L-argumenti fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut huma mibnija fuq il-premessa illi l-i*speedboat* intlaqtet fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Tassew illi r-rapport tas-*surveyor* Paul Cardona jgħid illi l-ħabta saret "*on the starboard side of the boat where there are very obvious signs of the collision*"; ir-ritratt esebit mas-*survey*, iżda, juri li l-ħabta kienet man-naħa tax-xellug ta' l-i*speedboat*, kif xehed l-attur.

Fil-fehma tal-qorti, il-ħtija kienet kollha tal-konvenut, li kien qed isuq bla ma jagħti l-attenzjoni tiegħu lis-sewqan u lewa bla ma qabel ra setax jagħmel hekk bla ma joħloq emerġenza għal ħaddieħor.

Il-qorti għalhekk tilqa’ l-ewwel talba ta’ l-atturi u tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut, li għandu jagħmel tajjeb għad-danni.  Tordna illi jitkompla s-smigħ tal-kaw¿a għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------